MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 201/2004

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Avv. Dott Chris Cilia nominat b'digriet tal-31 ta' Dicembru tas-sena 2003 kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Lawrence Darmanin u martu Hayet Mohamed Ben Ameur Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' April tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u tmienja u tletin Lira Maltin u disghin

centezmu, (LM2,538.90,0), bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok. “A1” sa “A5”), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru tas-sena 2003 sal-jum tal-pagament effettiv, liema “Loan Account” gie moghti lill-konvenuti permezz ta’ skrittura privata datata 24 t’Awissu, 1999 (Dok. “B”);

2. Illi dan qed jintalab peress illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe’ Dok. “B” partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata u;

(b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew;

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa;

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 17 ta’ Novembru tas-sena 2003, (Dok. “C”), kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjonil

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-26 ta’ April tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut kuratur deputat eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament illi huwa m’huwiex edott mill-fatti tal-kaz odjern u jirrizerva d-dritt illi jipprezenta

eccezzjonijiet fil-mertu wara li jkun ghamel id-debiti accertamenti, (f'dan ir-rigward qed tigi ezebita bhala Dok.`A' kopja ta' ittra datata 24 t'April tas-sena 2004 mibghuta lill-bank attur);

2. Illi l-bank attur irid jaghti prova tal-ammont minnu reklamat;

3. Illi l-bank attur ma jistax jippretendi l-hlas ta' imghax kapitalizzat;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-kuratur deputat konvenut datat il-5 ta' Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu nforma lill-Qorti li ghalkemm huwa qeda l-obbligi tieghu skond il-ligi, baqa' minghajr ebda risposta u allura m'ghandu xejn x'izid fir-rigward;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici, ukoll datat il-5 ta' Ottubru tas-sena 2004, li permezz tieghu nforma lill-qorti illi l-ammont pretiz fl-avviz promotur ghadu dovut;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-konvenuti assenti ghadhom inadempjenti u ghadhom fi stat ta' debitu versu s-socjeta' attrici fl-ammont indikat fl-avviz promotur;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, tqis li s-socjeta’ attrici ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------